MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 40/2014

**Adrian Galea**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi u Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Adrian Galea fil-15 ta' April 2014 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) ihassar, jirrevoka u jiskarta l-provisjoni, ossia kondizzjoni *hekk izda li din tkun l-ewwel proprjetà immobbli akkwistata "inter vivos" minn dak il-persuna u hekk izda li n-nutar li jircievi xi att dwar dan it-trasferiment ghandu jnizzel fl-att dikjarazzjoni bil-miktub mill-persuna li tkun hekk qieghda takkwista li dik tkun l-ewwel proprjetà immobbli akkwistata inter vivos minn dik il-persuna u n-nutar ghandu jwissi lil dik il-persuna dwar l-importanza tal-verità ta' dik id-dikjarazzjoni* fl-Avviz Legali 393/2013 Ordni dwar Esenzjoni mit-Taxxa skond l-Artikolu 23 Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta) maghmula mill-Ministru tal-Finanzi minghajr il-poter necessarju, previa dikjarazzjoni li din il-provisjoni ossia kondizzjoni hija *ultra vires* l-Ministru tal-Finanzi u dan a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta), liema punt relattiv ta' ligi/principju ta' dritt amministrattiv huwa dettaljat ukoll fl-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta), (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, li jhassar, jirrevoka u jiskarta l-ghemil tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum il-Kummissarju tat-Taxxi, in kwantu cahad u irrespinga l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti fuq l-ewwel mija u hamsin elf Euro (€150,000) tal-valur shih tal-korrispettiv li huwa ser ihallas biex jakkwista l-fond Nru. 48A, "Waves", Triq is-Sidra, Swieqi, sabiex jistabilixxi fih ir-residenza unika w ordinarja tieghu, u baqa' jinsisti fuq din ic-

cahda minkejja t-talbiet tieghu biex jerga' jikkonsidra d-decizjoni tieghu, liema decizjoni ittiehdet minghajr ma d-Direttur Generali kkonsidra l-meriti individwali tal-kaz partikolari tieghu u naqas milli juza d-deskrezzjoni tieghu jew jekk uzaha, uzaha rragjonevolment u anke sejjisha fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u ma mexiex skond is-sostanza tal-meriti tal-kaz u b'hekk ma uzax il-poteri tieghu b'mod xieraq, prevja dikjarazzjoni li dan l-ghemil amministrattiv tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, huwa *ultra vires* u dan a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, liema punt ta' ligi/principji ta' dritt amministrattiv huwa dettaljat fl-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) jiddikjara li huwa meritevoli w intitolat biex jircievi l-esenzjoni mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq l-ewwel €150,000 tal-valur shih tal-korrispettiv li hu ser ihallas fl-okkazzjoni ta' l-akkwist tal-fond Nru.48A, "Waves", Triq is-Sidra, Swieqi, f'liema fond bi hsiebu jistabilixxi r-residenza unika w ordinarja tieghu u dan a tenur ta' l-Artikolu 32(4)(a) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif estiza mill-Avviz Legali 393 ta' l-2013; (iv) jobbliga u jordna lill-Kummissarju tat-Taxxi li johrog a favur tieghu l-esenzjoni imsemmija fit-tielet talba teighu u biex jaghmel dak kollu necessarju w accessorju ghal tali skop jew, f'kaz li fil-mori tar-Rikors huwa ikun akkwista l-fond Nru.48A, "Waves" Triq is-Sidra, Swieqi, jobbliga lill-Kummissarju tat-Taxxi biex jirrifondilu, jirrimborsah u jhallsu l-ammont zejjed li huwa jkun hallas bhala taxxa, liema ammont hu ta' hamest elef mitejn u hamsin Euro (€5,250), flimkien ma' l-imghax bir-rata li huwa se jissellef mill-Bank of Valletta biex jixtri l-imsemmija proprjetà, mid-data tal-kuntratt relattiv sad-data ta' l-effettiv, bl-ispejjez kontra l-Ministru tal-Finanzi u l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tar-Rikorrent annessa mar-Rikors promotur a fol. 5 sa' 7 tal-process u d-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 9 sa' 28 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Ministru tal-Finanzi u tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' liema jopponu ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitolbu li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) in linea preliminari, l-improponibilità ta' l-azzjoni odjerna in kwantu hija diretta fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi stante li huwa ma ha l-ebda decizjoni relattiva ghar-Rikorrent u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni w in linea preliminari wkoll, ghandha ssir korrezzjoni fl-intestatura ta' l-intimat Direttur Generali stante li ai termini ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet (Notifikazzjoni tal-Gvern Numrru 398) ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Marzu 2012, isem id-Direttur Generali huwa Direttur Generali (Taxxi Interni); (iii) bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u dejjem in linea preliminari, dan it-Tribunal ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddetermina dawn il-proceduri stante li gew intavolati ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll u apparte minn hekk, ladarba bl-azzjoni odjerna qed tigi attakkata disposizzjoni ta' l-Avviz Legali 393 ta' l-2013 Ordni dwar

Ezenzjoni mit-Taxxa u l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta), l-istess azzjoni setghet titressaq biss quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili; (iv) l-ewwel talba tar-Rikorrent hija improponibbli stante li l-hrug ta' l-Avviz Legali 393 ta' l-2013 ma huwiex "att amministrattiv" u ghaldaqstant ma jistax jigi attakkat ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta; (v) fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel erba' eccezzjonijiet, it-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm ragunijiet validi u skond il-Ligi, ossia il-fatt li permezz ta' donazzjonijiet ir-Rikorrent già kien akkwista proprjetajiet immobbli, li fuqhom giet ibbazata l-ittra tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) datata 24 ta' Dicembru 2013 dwar it-talba tar-Rikorrent ghall-esenzjoni mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini ta' l-Avviz Legali 393 ta' l-2013 u ghaldaqstant dik l-ittra hija gusta u saret skond il-Ligi;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent[1], ta' Dr. Edwin Galea[2] u tal-Kummissarju tat-Taxxi Marvin Gaerthy[3] ilkoll moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 u ra d-dokumenti esebit mir-Rikorrent markati Dok. "AG1" u Dok. "AG2" a fol. 49 sa' 59 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 il-Ministru tal-Finanzi rtira l-ewwel eccezzjoni sollevata kontra t-talbiet tar-Rikorrent;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta kemm il-kondizzjoni imposta mill-Ministru tal-Finanzi bl-Avviz Legali 393 ta' l-2013 ghall-finijiet ta' l-ghoti tal-koncessjoni kontemplata fl-Artikolu 32(4)(a) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li sabiex persuna tinghata l-koncessjoni li ma thallasx taxxa skond l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq l-ewwel €150,000 tal-valur shih tal-korrispettiv imhallas ghall-akkwist ta' proprjetà li fiha tkun se tistabilixxi r-residenza unika w ordinarja taghha, *din* [ossia l-proprjetà li tkun qed tigi akkwistata] *tkun l-ewwel proprjetà immobbli akkwistata inter vivos minn dik il-persuna* ..., kif ukoll id-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) ta' l-24 ta' Dicembru 2013[4] li biha cahad it-talba tar-Rikorrent ghal tali koncessjoni ghaliex *you have acquired property inter vivos during 2008, 2011 and 2013*.

Huwa jikkontendi li meta l-Ministru tal-Finanzi assoggetta l-ghoti tal-koncessjoni kontemplata fl-Artikolu 32(4)(a) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta

[1] Fol. 60 u 61 tal-process.
[2] Fol. 63 u 64 tal-process.
[3] Fol. 65 u 66 tal-process.
[4] Dok. "B" a fol. 13 tal-process.

ghall-kondizzjoni li l-proprjetà li tkun qed tigi akkwistata tkun l-ewwel proprjetà akkwistata *inter vivos* minn dik il-persuna, huwa agixxa *ultra vires* il-poteri moghtija lilu mill-*enabling law*, ossia mill-Artikolu 23 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta: *d-delega li nghatat lill-Ministru tal-Finanzi biex seta jaghmel l-avviz legali 393/2013 tirrizulta mill-artikolu 23(1) tal-Kap.364 … li, f'dan il-kaz, ghandu jigi moqri flimkien ma' l-artikolu 32(4)(a) ta' l-istess Kap.364 … Illi minn analizi ta' dawn il-provvedimenti tal-ligi jirrizulta cjar illi l-legislatur ta lill-Ministru tal-Finanzi l-poter jew diskrezzjoni dwar il-kwantum ta' l-ghajnuna izda ma tahx il-poter biex jiddeciedi hu (il-Ministru) dwar min ghandu jirceviha l-ghajnuna, anzi, il-legislatur specifikah espressament hu stess min ghandhom ikunu r-ricevituri ta' l-ghajnuna, cioè, dawk li jakkwistaw proprjetà bil-ghan li jistabilixxu fiha r-residenza unika w ordinarja taghhom. Illi l-Ministru tal-Finanzi, permezz ta' dak il-'proviso' li ghamel fl-avviz legali 393/2013, dahhal kriterji ohra li bihom ghazel hu u iddiskrimina bejn min ghandu jircevi l-ghajnuna estiza/esenzjoni, u b'hekk, assuma poteri arbitrarji li ma taghtihx l-'enabling law' u mar oltre l-perimetru tal-poter li taghtih il-ligi, hareg minn dik li fid-dritt amministrattiv jirreferu ghaliha bhala l-'umbrella' tal-'enabling law', u ghalhekk mar 'ultra vires'*[5].

Jikkontendi wkoll li bic-cahda ghat-talba tieghu ghall-ghoti tal-koncessjoni kontemplata fl-Artikolu 32(4)(a) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ukoll mar *ultra vires* il-poteri tieghu ghaliex naqas milli jidhol fil-meriti individwali tal-kaz tieghu, u cioè li l-proprjetà, jew ahjar is-sehem ta' 1/5 indiviz mill-proprejtà li giet ghandu qabel l-akkwist tal-fond Nru.48A, Waves, Triq is-Sidra, Swieqi, giet koncessa lilu b'donazzjoni mill-genituri tieghu li zammew l-uzufrutt fuq tali proprjetà u fir-rigward ta' liema ma huwiex possibbli ghalih li jistabilixxi r-residenza unika w ordinarja tieghu fiha, jew jekk dahal f'tali meriti uza d-diskrezzjoni tieghu irragjonevolment u ibbaza d-decizjoni tieghu fuq kriterji irrilevanti w estranei mhux skond is-sostanza u l-meriti tal-kaz.

Fid-dawl ta' dawn il-kontestazzjonijiet ir-Rikorrent jitlob it-thassir u revoka tal-kondizzjoni relattiva ghall-ghoti tal-koncessjoni kontemplata fl-Artikolu 32(4)(a) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif imposta bl-Avviz Legali 393 ta' l-2013, it-thassir u revoka tad-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) ta' l-24 ta' Dicembru 2013 u minflok jigi dikjarat li huwa jikkwalifika ghall-koncessjoni kontemplata fl-Artikolu 32(4)(a) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u tali koncessjoni effettivament tinghatalu bil-konsegwenza li jekk il-kuntratt ta' trasferiment finali jilhaq jigi ppubblikat fil-mori tal-proceduri d-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, jigi ikkundannat jirrifondilu s-somma ta' €5,250 rapprezentanti t-taxxa fuq trasferimenti u dokumenti zejda minnu imhallsa, flimkien ma' l-imghax bir-rata li huwa ser jissellef mill-Bank of Valletta biex jixtri l-proprjetà in kwistjoni.

---

[5] Rikors promotur fol. 1 u 2 tal-process.

Il-Ministru tal-Finanzi u d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jopponu ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitolbu li l-istess jigu michuda stante li: (i) in linea preliminari l-Ministru tal-Finanzi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa ma ha l-ebda decizjoni fil-konfront tar-Rikorrent, liema eccezzjoni però giet irtirata mill-Ministru tal-Finanzi waqt is-seduta tat-3 ta’ Novembru 2014[6]; (ii) in linea preliminari wkoll, id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ghandu jigi indikata bhala “Id-Direttur Generali (Taxxi Interni)” u mhux bhala “Id-Direttur Generali ta’ l-Ufficju tat-Taxxi Interni” u dan a tenur ta’ l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Ordni ta’ Delega ta’ Funzjonijiet (Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 398), (iii) dejjem in linea preliminari, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal li jisma’ u jiddetermina l-kaz in ezami stante li l-proceduri gew istitwiti fuq il-binarji ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ghaliex ladarba qed tigi attakkata disposizzjoni ta’ l-Avviz Legali 393 ta’ l-2013 Ordni dwar Ezenzjoni mit-Taxxa u l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Rikorrent kellu se mai jistitwixxi l-proceduri tieghu quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili; (iv) l-ewwel talba tar-Rikorrent hija improponibbli stante li l-hrug ta’ l-Avviz Legali 393 ta’ l-2013 ma huwiex “att amministrattiv” u ghaldaqstant ma jistax jigi attakkat ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (v) fil-meritu, it-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm ragunijiet validi u skond il-Ligi, ossia il-fatt li permezz ta’ donazzjonijiet ir-Rikorrent già kien akkwista proprjetà immobbli, li fuqhom giet ibbazata l-ittra tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) datata 24 ta’ Dicembru 2013 dwar it-talba tar-Rikorrent ghall-esenzjoni mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini ta’ l-Avviz Legali 393 ta’ l-2013 u ghaldaqstant dik l-ittra hija gusta u saret skond il-Ligi.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjonijiet li ghandhom jigu trattati fil-kaz in ezami huma dawk sollevati mill-Intimati bl-eccezzjonijiet preliminari taghhom, partikolarment fejn qed jigi kontestat in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal[7]. Qabel ma jittratta dawn l-eccezzjonijiet però – ossia it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet sollevati mill-Intimati – it-Tribunal ser jittratta it-tieni eccezzjoni ta’ l-Intimati in kwantu din tirreferi ghal korrezzjoni li jehtieg issir fl-okkju tal-kawza u fl-atti tal-proceduri.

Ir-Rikorrent istitwixxa dawn il-proceduri *inter alia* fil-konfront tad-Direttur Generali ta’ l-Ufficju tat-Taxxi Interni izda l-Intimati josservaw illi *ai termini ta’ l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi [Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta] u l-Ordni ta’ Delega ta’ Funzjonijiet (Notifikazzjoni tal-Gvern numru 398) ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-30 ta’ Marzu 2012, isem id-Direttur Generali intimat huwa d-Direttur Generali (Taxxi Interni) u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni.* It-Tribunal jaqbel perfettament ma’ l-

[6] Fol. 48 tal-process.
[7] It-tielet u anke r-raba’ eccezzjoni ta’ l-Intimati.

osservazzjoni ta' l-Intimati fir-rigward ta' l-intestatura korretta ta' l-Intimat Direttur Generali (Taxxi Interni) ghalkemm in-Notifikazzjoni tal-Gvern relattiva hija dik Nru.766 pubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012 u mhux in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru.398 in kwantu din kienet giet revokata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru.766 minghajr pregudizzju ghall-validità ta' dak li sar in forza ta' l-istess avviz meta kien fis-sehh. Madanakollu però jirrileva li b'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, mahruga a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 3(4)(e) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi ha lura id-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet kollha li huma vestiti fih taht fost ohrajn l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u dana b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 u mill-imsemmija data, *id-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Atti u r-regolamenti fuq imsemmija* [fosthom l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti] *li saret bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 711 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern data 3 ta' Lulju 2012 u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 766 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 20 ta' Lulju 2012 qieghda tigi mhassra minghajr pregudizzju ghall-kontinwazzjoni ta' l-effett ta' l-imsemmija Notifikazzjonijiet tal-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom u minghajr pregudizzju ghall-validità ta' dak li sar bis-sahha ta' l-istess Notifikazzjonijiet tal-Gvern qabel id-data effettiva ta' din l-Ordni.*

B'hekk illum l-Awtorità pubblika kompetenti huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u ladarba ghandha ssir korrezzjoni fl-atti ta' dawn il-proceduri, inkluz l-okkju ta' l-istess, it-Tribunal hu tal-fehma li tali korrezzjoni ghandha tirrifletti l-posizzjoni attwali u mhux biss dik li kienet fis-sehh fiz-zmien tal-prezentata ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, filwaqt li ghandha tigi awtorizzata u konsegwentement ordnata korrezzjoni fl-atti tal-proceduri, inkluz fl-okkju ta' l-istess, fl-intestatura ta' l-Awtorità pubblika li tirrapprezenta d-Dipartiment tat-Taxxi Interni, din il-korrezzjoni ghandha tkun fis-sens illi l-kliem "Direttur Generali ta' l-Ufficju tat-Taxxi Interni" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Kummissarju tat-Taxxi".

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni sollevata mill-Intimati dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal li jisma' u jiddetermina l-proceduri istitwiti quddiemu mir-Rikorrent.

L-Intimati jikkontendu li t-Tribunal ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja u b'hekk mhux kompetenti li jisma' u jiddetermina dawn il-proceduri in bazi ghas-segwenti ragunijiet: (a) ir-Rikorrent imposta l-azzjoni tieghu fuq il-binarji ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) ladarba r-Rikorrent qed jattakka disposizzjoni ta' Avviz Legali, tali azzjoni hija proponibbli biss quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili; u (c) Avviz Legali ma huwiex "att amministrattiv" a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta'

Malta. In sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghhom l-Intimati jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Carmelo Borg v. Il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et", Appell Civili Nru. 839/05** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Novembru 2005.

Ir-Rikorrent da parte tieghu jikkontendi li: (a) Avviz Legali huwa att amministrattiv, u dana kif del resto skontu kkonfermat mill-Kummissarju tat-Taxxi stess fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2014[8], (b) huwa mhux qed jattakka l-Avviz Legali kollu izda biss il-*proviso* li skontu huwa *ultra vires* il-poteri tal-Ministru tal-Finanzi, u li (c) ma huwiex qed jibbaza l-proceduri odjerni fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mhux qed jitlob in-nullità tal-*proviso* izda biss ir-revoka u thassir ta' l-istess.

Fil-fehma tat-Tribunal qabel ma jidhol fil-kwistjoni specifika dwar kif ir-Rikorrent effettivament imposta l-azzjoni odjerna, u cioè jekk impostahiex o meno fuq il-binarji ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula u jfassal il-procedura ghall-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ghandu jittratta u jiddetermina l-kwistjoni jekk Avviz Legali huwiex "att amministrattiv" a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement, skond ir-risposta ghal tali kwezit, x'tip ta' procedura giudizzjarja tista' tigi istitwita f'kaz li persuna thossha aggravata bid-disposizzjonijiet ta' dak l-Avviz Legali.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Borg v. Il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et", Appell Civili Nru. 839/05** deciza fit-8 ta' Novembru 2005, li ghaliha ghamlu referenza l-Intimati waqt it-trattazzjoni orali. Fil-fehma tat-Tribunal dak hemm osservat mill-Qorti ta' l-Appell ghandu rilevanza qawwija ghall-proceduri odjerni stante li f'dik is-sentenza giet trattata sitwazzjoni simili ghal dik odjerna u cioè fejn ir-rikorrent f'dawk il-proceduri kien qed jattakka Legislazzjoni Sussidjarja, senjatament il-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05[9] kif introdotta permezz ta' l-Avvizi Legali 320/04 u 289/05, li saret bis-setgha moghtija lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern bis-sahha ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.276, ossia l-Att dwar l-Estradizzjoni, peress illi skontu meta l-Ministru dahhal fis-sehh tali Legislazzjoni Sussidjarja idderoga mill-Att Principali bil-konsegwenza li tali ghemil tieghu huwa wiehed *ultra vires* ghaliex mar oltre l-poteri vestiti fih permezzz tal-Kap.276 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk kien null, invalidu u bla effett fil-Ligi.

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet: *jibda biex jinghad li d-distinzjoni li l-attur donnu pprova jaghmel fic-citazzjoni – distinzjoni li, però, ma elaborax dwarha sia quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti – u cioè bejn il-"ligi sussidjarja"*

[8] Fol. 65 sa' 67 tal-process.
[9] Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati Dwar l-Estradizzjoni.

*ut sic u "l-ghemil [tal-Ministru] meta huwa dahhal fis-sehh tali ligi sussidjarja" ... hija wahda ghal kollox artificjali. Id-data tal-bidu fis-sehh ta' l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni tinsab fl-artiklu 1 ta' dan l-Ordni, u ghalhekk hija parti integrali mill-istess ligi sussidjarja – ghalkemm din il-Qorti tghamilha cara li anke li kieku l-bidu fis-sehh sar b'ordni separat, xorta wahda dak l-ordni l-iehor kien jammonta ghal ligi sussidjarja. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellant li l-ligi sussidjarja in dizamina u/jew il-bidu fis-sehh taghha jammonta ghal "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12. Din il-ligi u/jew il-bidu fis-sehh taghha* ***hija eminentement att jew eghmil legislattiv, ghalkemm imwettqa mir-ram Ezekuttiv tal-Gvern fuq delega tar-ram Legislattiv***[10]*. Ghalkemm huwa veru li diversi awturi Inglizi, meta jirreferu ghal decizjonijiet li jittiehdu mill-amministrazzjoni pubblika, spiss jiddistingwu bejn funzjonijiet legislattivi, amministrattivi, gudizzjarji u ministerjali ta' tali amministrazzjoni pubblika, fis-sistema legali taghna* ***qatt ma gie dubitat li ligi sussidjarja tista' tigi sindikata mill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja*** *– in effetti mill-Prim' Awla –* ***biex wiehed jara jekk tali ligi hix intra vires jew ultra vires is-setghat moghtija mill-Parlament***[11]*. Id-dritt ta' kull persuna li titlob lill-Qorti li hekk tissindika tali ligijiet illum huwa garantit fl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni meta moqri flimkien mad-definizzjoni ta' "ligi" moghtija fl-Artikolu 124(2) ta' l-istess Kostituzzjoni (bi dritt ta' appell skond kif provdut fl-Artikolu 95(2)(e) ta' l-istess Kostituzzjoni, cioè lill-Qorti Kostituzzjonali u mhux lil din il-Qorti).* ***Meta l-legislatur, bl-emendi introdotti fl-Artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta' l-Att VIII ta' l-1981 ipprova jirrestringi u jillimita l-istharrig gudizzjarju ta' l-eghmil amministrattiv, kien evidenti li dawn l-emendi ma kienu b'ebda mod jolqtu jew jirreferu ghall-istharrig gudizzjarju tal-validità ta' ligijiet, sia jekk principali u sia jekk sussidjarji. Mod iehor, kien ikun ifisser li dawk l-emendi kienu jikkozzaw ma' l-imsemmi Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk, anke meta dawn l-emendi gew abrogati fl-1995 u minflokhom dahal l-Artikolu 469A, kien evidenti li dana l-artikolu ma kien b'ebda mod intiz biex imiss jew xort'ohra jidderoga l-"judicial review" ta' ligijiet – stharrig gudizzjarju li baqa' bla mittiefes proprju in virtue tal-garanzija kontenuta fl-Artikolu 116***[12]*. Ghandu jigi osservat, in oltre, li* ***d-definizzjoni ta' "eghmil amminsitrattiv" fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 469A hija wkoll cara fil-portata taghha. Ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 469A l-espressjoni "ghemil amministrattiv" tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika...". L-argument ta' l-appellant li ghax il-Ministru ghazel li jsejjah din il-ligi sussidjarja "ordni" allura din taqa' fid-definizzjoni ta' "eghmil amminsitrattiv" ghall-finijiet ta'***

[10] Enfasi tat-Tribunal.
[11] Enfasi tat-Tribunal.
[12] Enfasi tat-Tribunal.

***l-Artikolu 469A huwa argument li din il-Qorti tista' biss tikkwalifikah bhala banali. Mhux biss il-kelma "ordni" fid-definizzjoni imsemmija trid necessarjament tigi interpretata "eiusdem generis" mal-kliem "licenza", "permess", "warrant", "decizjoni" u "rifjut ghal talba", izda kif tajjeb osservaw l-appellati fir-risposta taghhom, il-kelma "ligi" skond l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap.249) tinkludi kull dokument li jkollu s-sahha ta' ligi***[13]*. Fi kliem iehor, il-kelma "ordni", bhalma tista' tintuza bhala l-isem ta' xi ligi – minflok, per ezempju, "regolamenti" – tista' wkoll tintuza fis-sens ta' ordni amministrattiv li jkun jikkwalifika bhala "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 469A. Din il-Qorti taghmilha cara li hija konxja li hemm divergenza bejn it-test Malti u t-test Ingliz tad-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" – it-test Ingliz ighid " 'administrative act' includes..." – izda, apparti li t-test Malti jipprevali, dan ma jnaqqas xejn mill-forza ta' l-argument kontenut f'dan il-paragrafu.*

Applikati dawn l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell ghall-kaz in ezami jirrizulta b'mod car li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent l-Avviz Legali 393 ta' l-2013 ma jistax jitqies "att amministrattiv". Ghalkemm il-Qorti ta' l-Appell trattat il-kwistjoni mill-lat ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma ghandu l-ebda ezistazzjoni jghid li ghall-istess ragunijiet imfissra minn dik il-Qorti fis-sentenza appena citata, Avviz Legali, inkluz ghalhekk l-Avviz Legali 393 ta' l-2013, ma jistax jitqies bhala "att amministrattiv" ghall-finijiet tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta[14] u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza mehtiega biex jissindika dak l-Avviz Legali jew xi disposizzjoni partikolari minnu.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm fil-kaz in ezami qed jigi attakkat Avviz Legali, senjatament l-Avviz Legali 393 ta' l-2013 – Ordni ta' l-2013 dwar Ezenzjoni mit-Taxxa skont l-Artikolu 23 – ma hemmx dubju li dan l-Avviz Legali jifforma parti integrali minn Legislazzjoni Sussidjara, ossia l-Legislazzjoni Sussidjarja 364.12, peress illi bis-sahha ta' l-istess Avviz Legali gie introdott ir-Regolament 3 ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja li jittratta dwar ezenzjoni mit-taxxa fuq akkwist ta' l-ewwel proprjetà immobbli intiza li tkun ir-residenza unika w ordinarja ta' l-akkwirent, u ghalhekk dak li effettivament qed jigi attakkat hija il-**ligi sussidjarja** relattiva ghall-esenzjoni kontemplata fl-Artikolu 34(2)(a) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad ukoll li ghalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li fil-kaz in ezami huwa qed jattakka biss il-*proviso* ta' l-Avviz Legali in kwistjoni, tali argument ma jbiddel assolutament xejn mill-posizzjoni appena esposta ghar-raguni li l-*proviso* kontestat mir-Rikorrent innegabilment jifforma parti integrali mill-Avviz Legali 393 ta' l-2013 u konsegwentement tal-Legislazzjoni Sussidjarja 364.12, partikolarment kif fis-sehh fiz-zmien meta r-Rikorrent issottometta l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa fuq l-ewwel €150,000

[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Artikolu 2 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

mill-valur shih tal-korrispettiv relattiv ghall-akkwist tal-fond Nru.48A, Waves, Triq is-Sidra, Swieqi. Konsegwentement ghalhekk la qed tigi attakkata ligi sussidjarja u mhux att amministrattiv, dan it-Tribunal ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jittratta l-kaz in ezami.

Mill-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell johrog car li r-Rikorrent ghandu kull dritt jistitwixxi proceduri biex jattakka l-validità ta' ligi, inkluz ghalhekk Avviz Legali[15], a tenur ta' l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni: *dritt ta' azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi ligi tkun invalida ghal xi ragunijiet hlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa' 45 ta' din il-Kostituzzjoni* [li jittrattaw dwar drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu] *tkun tappartjeni lill-persuni kollha minghajr distinzjoni u persuna li ggib azzjoni bhal dik ma tkunx mehtiega turi xi interess persunali b'appogg ghall-azzjoni taghha*, izda tali proceduri ma ghandhomx u ma jistghux jigu istitwiti quddiem dan it-Tribunal.

Minn dak provdut fl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 95(2)(e) tal-Kostituzzjoni: *wahda mill-Qrati Superjuri, maghmula minn tlieta mill-Imhallfin li jkunu jistghu, skont xi ligi li ghal dak iz-zmien tkun issehh f'Malta, joqghodu fil-Qorti ta' l-Appell, ghandha tkun maghrufa bhala l-* ***Qorti Kostituzzjonali*** *u jkollha gurisdizzjoni li tisma' u tiddecidi – (e) appelli minn decizjonijiet ta' xi qorti ta' gurisdizzjoni originali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar il-validità ta' ligijiet li ma jkunux dawk li jistghu jaqghu taht l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni,* johrog car li l-Qorti kompetenti hija il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u certament mhux dan it-Tribunal.

L-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni qatt ma jista' jitqies li qed jirreferi ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghar-raguni li apparte l-fatt it-Tribunal ma huwiex qorti, appelli mid-decizjonijiet tat-Tribunali jistghu jitressqu **quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kompetenza taghha superjuri jew dik inferjuri**[16] u mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. B'hekk jigi ribadit li il-Qorti kompetenti hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Apparte minn dak appena osservat, hekk kif l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma kien bl-ebda mod intiz biex imiss jew xort' ohra jidderoga il-*judicial review* ta' ligijiet, liema stharrig gudizzjarju baqa' bla mittiefes in virtù ta' l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, daqstant iehor ma jistqax jitqies li l-promulgazzjoni ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-holqien tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi, kienu intizi li jmissu jew xort' ohra jidderogaw il-*judicial review* ta' ligijiet kontemplat fl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni.

[15] Anke a tenur tad-definizzjoni ta' "ligi" fl-Artikolu 124(2) tal-Kostituzzjoni.
[16] Artikolu 22 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ghal darb' ohra jigi ribadit li l-Qorti kompetenti biex tittratta u tiddetermina azzjonijiet relattivi ghal dikjarazzjoni li xi ligi tkun invalida – u dak huwa li effettivament qed jitlob ir-Rikorrent fil-proceduri odjerni meta jitlob ir-revoka u thassir tal-proviso ta' l-Avviz Legali 393 ta' l-2013 in kwantu skontu *ultra vires* il-poteri tal-Ministru tal-Finanzi – hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mhux dan it-Tribunal.

Ghalkemm ir-Rikorrent ressaq diversi talbiet ohra fir-rigward ta' l-operat tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum il-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal hu tal-fehma li fid-dawl tal-konkluzzjoni li ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jissindika l-validità ta' l-Avviz Legali 393 ta' l-2013, inkluz ghalhekk il-*proviso* partikolari kontestat mir-Rikorrent, u peress illi l-kontestazzjoni fir-rigward ta' l-operat tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) in parti hija marbuta ma' l-Avviz Legali in kwistjoni, huwa ma ghandux f'dan l-istadju jidhol f'tali talbiet avvanzati mir-Rikorrent fir-rigward ta' l-operat tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi:

**(1)** Fl-ewwel lok jawtorizza u konsegwentement jordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti tal-proceduri fl-intestatura ta' l-Awtorità pubblika li tirrapprezenta d-Dipartiment tat-Taxxi Interni u dana billi l-kliem "Direttur Generali ta' l-Ufficju tat-Taxxi Interni" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Kummissarju tat-Taxxi"; u

**(2)** Filwaqt li jilqa' t-tielet u raba' eccezzjonijiet ta' l-Intimati, jiddikjara li ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jittratta u jiddetermina l-proceduri istitwiti mir-Rikorrent bir-Rikorsipprezentat fil-15 ta' April 2014 u ghaldaqstant jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-Rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------